

Brussell, 10 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11271/2/25
REV 2

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0202 (NLE)

PECHE 201

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 370 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2025–2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 370 final.

Mehmuż: COM(2025) 370 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.7.2025
COM(2025) 370 final

2025/0202 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2025–2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea¹ ġie ffirmat fit-30 ta' Ottubru 2007 u daħal fis-seħħ fid-29 ta' Awwissu 2011 għal perjodu ta' 4 snin. Il-Ftehim jista' jiġġedded b'mod taċitu għal perjodu ta' 4 snin, u għalhekk jibqa' fis-seħħ. Il-Protokoll ta' Implimentazzjoni preċedenti tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd, ta' durata ta' 5 snin, beda japplika fid-19 ta' Diċembru 2019 u skada fit-18 ta' Diċembru 2024.

Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Settembru 2024 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea għal Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, u tad-direttivi ta' negozjati li jinsabu fiha, il-Kummissjoni wettqet negozjati mal-Gvern tar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe (minn hawn 'il quddiem "São Tomé u Príncipe"). Wara t-tmiem ta' dawn in-negozjati, il-Protokoll ġie inizzjalat min-negozjaturi fid-9 ta' April 2025. Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni proviżorja stabbilita fl-Artikolu 19, jiġifieri mid-data ta' meta jiġi ffirmat mill-Partijiet.

Il-proposta għandha l-għan li tawtorizza l-konklużjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 218(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

L-objettiv ewlieni tal-Protokoll il-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat, jiġifieri li jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd riveduta u tad-dimensjoni esterna tagħha, sabiex titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u São Tomé u Príncipe fil-qasam tas-sajd.

Il-Protokoll jagħti l-opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe, skont l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli u skont ir-risoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), fil-limiti tal-kwantità żejda disponibbli. Il-Kummissjoni bbażat il-pożizzjoni tagħha parzjalment fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Protokoll preċedenti (2019–2024) u fuq evalwazzjoni minn perspettiva futura bl-għan li jiġi deċiż għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn l-evalwazzjonijiet twettqu minn esperti esterni. L-objettiv huwa wkoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u São Tomé u Príncipe sabiex jiġu promossi politika tas-sajd sostenibbli u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe u fl-Oċean Atlantiku, fl-interess tal-Partijiet. Barra minn hekk, din il-kooperazzjoni se tikkontribwixxi wkoll biex jiġu promossi kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fl-attivitajiet tas-sajd.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

— 26 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun;

¹ ĠU L 205, 7.8.2007, p. 36; Eli http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2007/894/oj

— 9 bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ;

— bastimenti ta' appoġġ f'konformità mar-risoluzzjonijiet rilevanti tal-ICCAT u fillimiti stipulati mil-leġiżlazzjoni ta' São Tomé u Príncipe.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' Protokoll ta' Implimentazzjoni ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd ma' São Tomé u Príncipe jidħol fil-qafas tal-azzjoni esterna tal-Unjoni lejn il-pajjiżi tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (OSAKP), u jqis b'mod partikolari l-oġettivi tal-Unjoni tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli, tal-iżvilupp uman u soċjali, tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, tal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali u tar-rispett għall-prinċipji demokratiċi u għad-drittijiet tal-bniedem.

2. **BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi legali**

Il-bażi legali hija l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd, u l-Artikolu 218(6) tiegħu, li jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, u l-paragrafu 7, li jipprevedi li l-Kunsill jista' jawtorizza lin-negozjatur japprova emendi tal-Protokoll meta jipprevedi tali emendi, f'konformità ma' proċedura simili.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-oġettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza legali, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd li l-bastimenti tal-Unjoni jwettqu fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, kif stabbilit fl-Artikolu 31 tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd. Tikkonforma ma' dawn id-dispożizzjonijiet u mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

3. **RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-2024, il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni *ex post* tal-Protokoll tal-2019–2024 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd konkluż ma' São Tomé u Príncipe, kif ukoll evalwazzjoni *ex ante* ta' Protokoll ġdid possibbli². Il-konklużjonijiet ta' dawn l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante* huma stabbiliti f'Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni (SWD)³.

² Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, F&S, POSEIDON, Defaux, V. u Caillart, B., Évaluation rétrospective du Protocole de mise en œuvre de l'accord de partenariat dans le domaine de la pêche entre l'Union européenne et la République de Sao Tomé-et-Príncipe et prospective d'un éventuel futur protocole – Rapport Finali, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2771/264668>.

³ ID-DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI li jakkumpanja d-dokument: Rakkomandazzjoni għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni

Bħala konklużjoni, mill-evalwazzjoni ħareġ li s-settur tas-sajd tal-Unjoni huwa interessat ferm fil-possibbiltà li jwettaq l-attività tiegħu f'São Tomé u Príncipe u li Protokoll ġdid ikun fl-interess taż-żewġ Partijiet. Barra minn hekk, Protokoll ġdid se jgħin biex jissaħħu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza u se jikkontribwixxi għat-titjib tal-governanza tas-sajd fir-reġjun.

Għall-Unjoni, huwa importanti li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' dan l-attur ewlieni tal-governanza tal-oċeani fil-livell subreġjonali, minħabba d-daqs taż-żona tas-sajd li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu. It-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma' São Tomé u Príncipe se jservi wkoll biex jinbnew l-alleanzi fil-qafas tal-ICCAT. Barra minn hekk, għall-flotta tal-UE dan ifisser li jinżamm l-aċċess għal żona importanti tas-sajd fejn ikunu jistgħu jintużaw strateġiji tal-qbid skont qafas legali internazzjonali pluriennali. Għall-awtoritajiet ta' São Tomé u Príncipe, l-iskop huwa li jinżammu r-relazzjonijiet mal-Unjoni sabiex tissaħħaħ il-governanza tal-oċeani, biex igawdu minn appoġġ settorjali speċifiku b'opportunitajiet ta' finanzjament pluriennali, u biex permezz tal-attività tal-bastimenti, tinbeda l-industrijalizzazzjoni tas-settur tat-trasformazzjoni tiegħu, fil-qafas tad-diversifikazzjoni tal-ekonomija tiegħu.

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tas-settur, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili ta' São Tomé u Príncipe ġew ikkonsultati bħala parti mill-evalwazzjoni. Ġew organizzati wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni qabdet konsulent indipendenti jagħmel l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-Ftehim innegożjat jinkludi klawżola dwar il-konsegwenzi tal-ksur tal-elementi essenzjali tal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Samoa⁴, relatati mad-drittijiet tal-bniedem.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tammonta għal EUR 825 000, abbażi ta':

Ewropea għal Protokoll ġdid li jimplementa l-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd mar-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe, u ta' emendi possibbli tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd jew għal test ġdid ta' Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd sostenibbli (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1424957307348&uri=CELEX%3A52024SC0177>).

⁴ Ftehim ta' Sħubija bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Membri tal-Organizzazzjoni tal-Istati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, min-naħa l-oħra (ĠU L, 2023/2862, 28.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2023/2862/oj).

a) ammont annwali għall-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe ta' EUR 325 000, li huwa ekwivalenti għal tunnellaġġ ta' referenza ta' 6 500 tunnellata fis-sena għall-ispeċijiet migratorji ħafna;

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe li tammonta għal EUR 500 000 fis-sena. Dan l-appoġġ iwieġeb għall-oġġettivi tal-pjan strateġiku għas-sajd ta' São Tomé u Príncipe.

L-ammont annwali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament jiġi stabbilit matul il-proċedura baġitarja annwali, inkluż għal-linja ta' riżerva għall-protokoll li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena⁵.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u fil-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

⁵ F'konformità mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji (ĠU L 433 I, 22.12.2020, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2020/1222/oj).

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2025–2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218 (6), il-punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' [...] ¹, il-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") għe ffirmat fi [...], suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) L-oġettiv tal-Protokoll huwa li jippermetti lill-bastimenti tal-Unjoni Ewropea jwettqu attivitajiet tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe, kif ukoll li jippermetti lill-Unjoni u lir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe jaħdmu aktar mill-qrib flimkien biex jiżviluppaw politika tas-sajd sostenibbli biex jippromwovu l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe u fl-Oċean Atlantiku, u biex jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fis-settur tas-sajd.
- (3) Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.
- (4) F'konformità mat-Trattati, hija l-Kummissjoni li għandha tiżgura li n-notifika lil São Tomé u Príncipe prevista fl-Artikolu 20 tal-Protokoll issir f'isem l-Unjoni, sabiex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Protokoll.
- (5) F'konformità mat-Trattati, hija wkoll il-Kummissjoni li għandha tagħmel, jekk xieraq, in-notifiki previsti fl-Artikoli 12 u 18 tal-Protokoll.
- (6) L-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") jistabbilixxi Kumitat Konġunt inkarigat mill-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti modifiki għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn l-emendi, jenħteġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom f'isem l-Unjoni bi proċedura ssimplifikata, b'ċerti kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali.

¹ ĠU L 2025/ ...,2025, p. ..., ELI: <https://data.europa.eu/eli/dec/2025/...../oj>).

- (7) Il-Kunsill għandu jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-modifiki għall-Protokoll. L-emendi proposti għandhom jiġu approvati dment li minoranza ta' Stati Membri li timblokka ma toġġezzjonax għalihom skont l-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
- (8) Peress li l-Protokoll ma' São Tomé u Príncipe jidm aktar minn sena finanzjarja waħda, l-impenji baġitarji involuti jistgħu jitqassmu tul id-durata tal-Protokoll għall-pagamenti annwali, f'konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725³ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi [data],

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea (2025–2029) (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") huwa approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa meħmuż ma' din id-Deċiżjoni bħala l-Anness I.

Artikolu 2

F'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tapprova, f'isem l-Unjoni, l-emendi tal-Protokoll adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' wara l-adozzjoni tagħha⁴.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>)

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

⁴ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1.	KUNTEST TAL-PROPOSTA	1
•	Raġunijiet u objettivi tal-proposta.....	1
•	Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat	1
•	Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni	2
2.	BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ.....	2
•	Bażi legali.....	2
•	Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva).....	2
•	Proporzjonalità	2
3.	RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET <i>EX POST</i> , TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT	2
•	Evalwazzjonijiet <i>ex post</i> /kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti	2
•	Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.....	3
•	Ġbir u użu tal-għarfien espert	3
•	Valutazzjoni tal-impatt.....	3
•	Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni	3
•	Drittijiet fundamentali	3
4.	IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI	3
5.	ELEMENTI OĦRA	4
•	Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar	4
1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	9
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	9
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	9
1.3.	Objettiv(i).....	9
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	9
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi.....	9
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt(i) mistenni(ja).....	10
1.3.4.	Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt	10
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':	10
1.5.	Raġuni(jiet) għall-proposta/għall-inizjattiva	10
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil bi skeda dettaljata għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva	10
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE	11
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili	11

1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	11
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	12
1.7.	Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	12
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	13
2.1.	Dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar	13
2.2.	Sistema ta' ġestjoni u kontroll	13
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	13
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	13
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' error (mal-ħlas u fl-għeluq).....	14
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	14
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	15
3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	15
3.2.	Impatt stmat tal-proposta fuq l-approprijazzjonijiet.....	16
3.2.1.	Impatt stmat tal-proposta fuq l-approprijazzjonijiet.....	16
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn approprijazzjonijiet operazzjonali.....	19
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprijazzjonijiet ta' natura amministrattivi	20
3.2.4.	Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani.....	21
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali.....	22
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	22
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	22
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	23
4.	DIMENSIJONIJET DIĠITALI	23
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	23
4.2.	Data	24
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	26
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	26
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	26

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni (2025–2029) tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika Demokratika ta' São Tomé u Príncipe u l-Komunità Ewropea

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

08 – Agrikoltura u politika marittima

08 05 – Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs)

08 05 01 – Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. *Objettiv(i) ġenerali*

In-negozjar u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi jilhqgħ l-objettiv ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għal żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tiġi żviluppata sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-għan li jissaħħaħ l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-Unjoni.

Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jiżguraw ukoll il-konsistenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-politika komuni tas-sajd u l-impenji li jsiru fil-kuntest ta' politiki Ewropej oħrajn [l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi ta' pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali, il-kontribut lejn l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, kif ukoll governanza aħjar tas-sajd fil-livell politiku u finanzjarju].

1.3.2. *Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Objettiv speċifiku Nru 1

Sabiex jingħata kontribut għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet barra mill-Unjoni Ewropea, tinżamm preżenza Ewropea fis-sajd fl-ilmijiet imbiegħda u jitħarsu l-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi billi jiġu nnegozjati u konklużi l-SFPA ma' stati kostali, b'mod li jkun konsistenti ma' politiki Ewropej oħrajn.

Attività/Attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

08 05 01 – Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.3.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistenni(ja)*

Bil-konklużjoni tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tkun tista' titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika fil-qasam tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u São Tomé u Príncipe. Il-konklużjoni tal-Protokoll se toħloq opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe.

Il-Protokoll se jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-ġestjoni u tal-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz tal-appoġġ finanzjarju (l-appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikolari l-Pjan komprensiv għall-qasam tas-sajd, permezz tal-monitoraġġ u tal-ġlieda kontra s-sajd illegali u permezz tal-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

Fl-aħħar nett, il-Protokoll se jikkontribwixxi għall-isfruttament sostenibbli minn São Tomé u Príncipe tar-riżorsi tal-baħar tiegħu, kif ukoll għall-ekonomija tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe, billi jippromwovi t-tkabbir marbut mal-attivitàjiet ekonomiċi relatati mas-sajd u mal-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

1.3.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-użu annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwali tad-disponibbiltà offruta bil-Protokoll).

Id-data dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

Il-kontribut għall-impjegi u għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet deċenti tax-xogħol fis-settur tas-sajd u għall-valur miżjud fl-Unjoni u għall-istabbilizzazzjoni tas-suq tal-Unjoni (flimkien ma' SFPAs oħrajn).

Il-kontribut għat-titjib tar-riċerka, tal-monitoraġġ u tal-kontroll tal-attivitàjiet tas-sajd min-naħa tal-pajjiż sieħeb u tal-iżvilupp tas-settur tas-sajd tiegħu, l-aktar dak fuq skala żgħira.

1.4. **Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':**

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.5. **Raġuni(jiet) għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil bi skeda dettaljata għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Hu maħsub li l-Protokoll l-ġdid għall-implimentazzjoni japplika b'mod proviżorju mid-data tal-iffirmar sabiex jitnaqqas il-perjodu li fih l-operazzjonijiet tas-sajd mhumieħ possibbli.

Il-Protokoll il-ġdid se jipprovdi qafas għall-attivitàjiet tas-sajd tal-flotta tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe, u se jawtorizza lis-sidien tal-bastimenti tal-Unjoni japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd biex ikunu jistgħu jistadu f'din iż-żona. Barra minn hekk, il-Protokoll il-ġdid se jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-

¹ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2), il-punt (a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Unjoni u São Tomé u Príncipe bil-ħsieb li jiġi promoss l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha. B'mod partikolari, jipprevedi l-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-VMS u t-trażmissjoni elettronika tad-data dwar il-qabdiet. L-appoġġ settorjali disponibbli bis-saħħa tal-Protokoll se jgħin lil São Tomé u Príncipe fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali tiegħu fil-qasam tas-sajd, inkluż il-ġlieda kontra s-sajd IUU, filwaqt li jippromwovi l-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti fl-attivitajiet tas-sajd. L-implimentazzjoni se tibda mal-iffirmar u għal perjodu ta' 4 snin.

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-UE

Jekk l-UE ma tikkonkludix Protokoll ġdid, il-bastimenti tal-UE ma jkunux jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim attwali fih klawżola li teskludi l-attivitajiet tas-sajd li ma jsirux fi ħdan il-qafas iddefinit minn protokoll tal-Ftehim. Għalhekk hemm valur miżjud ċar ħafna għall-flotta tal-UE ta' distanzi twal. Il-Protokoll jipprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni u São Tomé u Príncipe.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili

L-analiżi tal-qabdiet storiċi fiż-żona tas-sajd ta' São Tomé u Príncipe u tal-valutazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli wasslet biex il-Partijiet jistabbilixxu t-tunnellaġġ ta' referenza għat-tonn u għall-ispeċijiet li jixbhu lit-tonn għal 6 500 tonnellata fis-sena, b'opportunitajiet tas-sajd għal 26 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartarun u għal 9 bastimenti tas-sajd bil-konz. L-appoġġ settorjali huwa importanti sabiex jitqiesu l-prijoritajiet tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd u tal-użu tar-riżorsi naturali.

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Il-fondi allokatu għall-kumpens finanzjarju għall-aċċess tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli jikkostitwixxu dħul funġibbli fil-baġit nazzjonali ta' São Tomé u Príncipe. Madankollu, il-fondi allokatu għall-appoġġ settorjali jiġu assenjati lill-Ministeru responsabbli għas-sajd (ġeneralment billi jiddaħħlu fil-liġi annwali dwar il-baġit), minħabba li din hija kundizzjoni għall-konklużjoni u għall-monitoraġġ tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħra ta' finanzjament minn donaturi internazzjonali oħra għall-implimentazzjoni ta' proġetti u/jew ta' programmi li għandhom jiġu implimentati fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

1.6. Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha

☒ **durata limitata**

- ☒ Il-Proposta/L-inizjattiva hija applikabbli mid-data tal-iffirmar fl-2025 u għal perjodu ta' 4 snin, li jispiċċa fl-2029.
- ☒ Implikazzjoni finanzjarja mill-2025 sal-2028

☐ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)²

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ Fis-servizzi tagħha, inkluż permezz tal-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lil pajjiżi terzi jew il-korpi li ħatru;
- ☐ lil organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 211 u 212 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lil korpi rregolati bid-dritt pubbliku;
- ☐ lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lil korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lil persuni responsabbli mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi rilevanti tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (CFSP, Common Foreign and Security Policy) skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[...]

